# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023

**Rikors Revoka Nru: 2316/2023JG**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 2604/22 maħruġ fit-22 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet:**

**Princess Holdings Limited (C 72528)**

**vs**

**Emre Develi (K.I. 0193389A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Emre Develi datat 10 ta' Ottubru 2023[1], fejn intalab it-tħassir tal-mandat relattiv u ċioe dak bin-numru 2604/22.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors[2].

Rat id-digriet tagħha datat 18 ta' Ottubru 2023[3].

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 2 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 7 tal-proċess.

Rat ir-rikors tas-soċjetà sekwestranti datata 26 ta' Ottubru 2023[4] u n-nota tal-istess datata 30 ta' Ottubru 2023[5].

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2023[6], fejn ġie dikjarat li bil-fatt li seħħ ir-rikors preċedentement imsemmi, s-soċjetá sekwestranti kellha titqies li kienet konoxxenti ta' dawn il-proċeduri u reġgħet ingħatat sebgħa t'ijiem sabiex tressaq nota bl-oġġezzjonijiet.

Rat in-nota tas-sekwestrat bid-dokumenti hemm annessi[7].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023[8].

Rat id-digriet tal-14 ta' Novembru 2023[9].

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi din hija deċiżjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat.

Illi s-sekwestrat jispjega li permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 253(3) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetá sekwestranti interpellat lis-sekwestrat sabiex jgħaddi għal-ħlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sittin Ewro, għar-raġunijiet hemm indikati. Bis-saħħa ta' dik l-ittra, ġie ppreżentat il-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors.

---

[4] A fol 11 tal-proċess.
[5] A fol 14 tal-proċess.
[6] A fol 12 tal-proċess.
[7] A fol 16 tal-proċess.
[8] A fol 15 tal-proċess.
[9] A fol 51 tal-proċess.

Illi permezz ta' ċedola ta' depożitu[10] datata 10 ta' Ottubru 2023, s-sekwestrat għażel li jiddepożita l-ammont mitlub fl-intier tiegħu. Huwa bis-saħħa ta' dan li issa qiegħed jitlob ir-revoka tal-istess mandat.

Illi għalkemm m'huwiex indikat ċar fir-rikors promotur, din il-Qorti qiegħda tifhem li s-sekwestrat qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat abbażi tal-artikolu 836(1)(ċ) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi wara li din il-Qorti rat li dak mitlub fil-mandat issa huwa debitament kawtelat[11], tqis lit-talba għandha tiġi milqugħa. Tajjeb jingħad li l-ispejjeż u l-imgħax relattivi, fil-mandat in kwistjoni, kienu ġew riżervati[12].

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-sekwestrat Emre Develi u b'hekk tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2604/22 fl-ismijiet premessi u tordna l-ħruġ, a spejjeż tas-sekwestrat, tal-kontromandat relattiv.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[10] A fol 3 tal-proċess.
[11] Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Luigi Bonnacorsi vs Anthony Zarb *et,*** (Rik Nru: 1059/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Nvoembru 2022.
[12] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Mario Falzon *pro et noe* vs Michael Scerri *et,*** (Rik Revoka 1134/2018) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Novembru 2019.